## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR JOSEPH BUSUTTIL, SPETTUR DORIANNE TABONE) V. ANA MARIA OSPINA GONZALEZ (P.K. BA318782)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**6 ta' Ottubru 2023**

IL-QORTI,

wara li rat l-imputazzjoni maħruġa kontra Ana Maria Ospina Gonzalez ("l-imputata") mwielda fl-1 ta' Ottubru 1995 ġewwa l-Kolombja, residenti ġewwa 23, Mayflower Mans, Blk 1, Flat 3, Triq Bisazza, Sliema u detentriċi tal-passaport Kolombjan bin-numru BA318782, u ċioe talli f'dawn il-Gżejjer, u/jew ġewwa 23, Mayflower Mans, Blk 1, Flat 3, Triq Bisazza, Sliema, fl-4 ta' Ottubru 2023 u fil-ġimgħat u xhur ta' qabel b'diversi atti magħmulin minnha ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda;

1. **Żammet jew eżerċitat jew kellha sehem ma' oħrajn fl-eżerċizzju ta' burdell jew ta' dar, ħanut jew lokal ieħor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew magħduda bħala li huma ffrekwentati għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet ohra immorali (Art 8 (1) tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta)**

wara li rat illi ġiet mitluba ukoll illi f'każ ta' ħtija barra li tinfliġġi l-piena stabbilita mill-Liġi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha esebiti,

wara li rat li ġiet mitluba ukoll illi f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi tordna lill-ħatja tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta,

wara li rat illi rat li fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2023, meta l-imputata tressqet taħt arrest hija wieġbet li kienet ħatja tal-imputazzjonimiġjuba kontriha,

wara li rat li l-Qorti wissetha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u tatha ftit taż-żmien billi pposponiet il-kawża għal ftit minuti, biex jekk trid

terġa' lura minnha u dan wara li jkollha l-opportunita li tikkonsulta mill-ġdid mal-avukati tagħha,

wara li rat illi l-imputata kkonfermat li kienet qed iżomm ferm fuq l-ammissjoni tagħha għall-imputazzjoni miġjuba kontriha,

qed tagħti din is-

## Sentenza

Il-Qorti qieset illi l-imputata għamlet ammissjoni bikrija u dan wara li kienet ukoll ikkoperat bis-sħiħ mal-Pulizija fl-investigazzjonijiet tagħhom. Qieset ukoll il-fedina penali nadifa tagħha.

**Għal dawn ir-raġunijiet wara li rat l-artikoli rilevanti fil-liġi u ċioe l-Artikolu 8 (1) tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta u 28A(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputata ħatja fuq ammissjoni tagħha stess tal-imputazzjoni miġjuba kontriha u tikkundannaha għall-piena karċerarja ta' disa' (9) xhur sospiża għal tlett (3) snin liema sentenza ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk, matul il-perjodu operattiv tagħha l-ħatja tikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija. Il-Qorti spjegat lill-ħatja bi kliem ċar ir-responsabbiltà tagħha taħt l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk hija tikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija. Il-Qorti tikkundanna ukoll lill-imputata tħallas multa ta' ħamsin euro (€ 50).**

**Finalment il-Qorti qed tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-flejjes esebiti fl-atti (fl-ammont ta' € 11,325) stante illi dawn huma meqjusa bħala rikavat mill-kriminalita'. Il-Qorti tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali sabiex jinforma lill-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi dwar il-konfiska msemmija, jibgħat lill-istess Uffiċċju kopja tas-sentenza u jibgħatlu l-proprjeta' hekk konfiskata.**

| | |
|---|---|
| **V.G. Axiak** | **Y. M. Pace** |
| **Maġistrat** | **Dep. Reġistratur** |